**NAXXAR**

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IS-SEBA' KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 47 - IT-TLIETA 24 TA' ĠUNJU 2016**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fis-19:30pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Maria F. Deguara, M.D. | Sindku |
| | Clifford Galea | Kunsillier |
| | Clinton Sammut | Kunsillier |
| | Noel Gatt | Kunsillier |
| | Alexander Agius | Kunsillier |
| | Pierre Sciberras | Kunsillier |
| | Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |
| Skużati: | Anne Marie Muscat Fenech Adami | Viċi Sindku |
| | Maryanne Cuomo | Kunsillier |
| | Marlon Brincat | Kunsillier |
| Pubbliku: | Ma kienx hemm preżenza ta' pubbliku. | |

**1. APOLOĠIJI**

1.1. Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) informa li l-Viċi Sindku u l-Kunsillieri Cuomo u Brincat infurmawh permezz ta' email li ma setgħux jattendu għal-laqgħa.

**2. MOZZJONI DWAR IL-BRING IN SITES**

2.1. L-iskop tal-laqgħa kien kif diskuss fil-laqgħa tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju ċoè għall-iskop uniku li jiddiskuto l-proposta tal-Kunsillier Gatt li jitneħħew il-*bring-in sites.*

2.2. Is-SE beda billi informa lill-Kunsill bil-komunikazzjoni li kien hemm ma' Green Pak u li huma qed joffru li jinstallaw sistema ta' CCTV's bl-iskop li jinqata' l-abbuż u s-servizz ta' *bring in sites* jibqa'.

2.3. Il-Kunsillier Sciberras ippropona li, fid-dawl li waslet din il-proposta mingħand Green Pak, il-Kunsill għandu jagħti ċans imqar xahar mill-installazzjoni tas-CCTV's biex jara jekk ikunx hemm żviluppi pożittivi.

2.4. Il-Kunsillier Agius esprima li CCTV's bil-batterija ma jkunux ċari biżżejjed.

2.5. Il-Kunsillier Gatt, filwaqt li esprima n-nuqqas ta' konvinzjoni tiegħu li l-problema tissolva, ippropona li s-sit li l-aktar qed idejjaq lir-residenti, ċoè dik ta' fejn iċ-ċimiterju għandha titneħħa mill-ewwel bla ma l-Kunsll jistenna.

2.6. Is-Sindku esprimiet li l-Kunsill għandu l-ewwel jipprova ħalli jara xi żvilipp jkun hemm filwaqt li sadanittant il-Kunsill jaċċerta li kull ħmieġ li jkun hemm jitneħħa immedjatament. Għalhekk hija ssekondat il-proposta tal-Kunsillier Sciberras.

2.7. Kif ittieħed il-vot, il-Kunsillieri kollha preżenti kienu favur apparti l-Kunsillier Agius u Gatt li vvutaw kontra.

**3. TMIEM IL-LAQGĦA**

3.1. Il-laqgħa intemmet fit-19:50.

**MARIA F. DEGUARA *MD,MMCFD***

**SINDKU**

**PAUL GATT DIP.MGMT (HENLEY), MIM**

**SEGRETARJU EŻEKUTTIV**